L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Uffiċċju Komunikazzjoni

29 ta' Ottubru 2019
114/2019

**IL-FESTA TAL-QADDISIN KOLLHA U T-TIFKIRA TAL-MEJTIN KOLLHA**

Nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Novembru 2019, l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jiċċelebra Quddiesa fil-festa tal-Qaddisin Kollha, **fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta,** fis-6:00 p.m. Din il-festa tiġi ċċelebrata mill-Knisja Universali biex l-Insara jagħtu ġieħ lill-Qaddisin kollha waqt li jħabirku biex jimxu fuq l-eżempju tagħhom.

Is-Sibt, 2 ta' Novembru, Jum it-Tifkira tal-Mejtin Kollha, l-Arċisqof ser jiċċelebra Quddiesa **fil-Knisja taċ-Ċimiterju tal-Addolorata, Raħal Ġdid.** Il-Quddiesa tibda fl-10:00 a.m. Dakinhar, l-Insara huma mistiedna jitolbu għall-erwieħ kollha li marru qabilna bis-sinjal tal-fidi u bit-tama tal-qawmien mill-imwiet, biex bil-ħniena ta' Alla jitnaddfu minn kull dnub.

L-Insara kollha huma mħeġġa jattendu biex jiċċelebraw il-ħajja tal-Qaddisin u jitolbu wkoll għall-għeżież mejtin tagħhom.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**